# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 25 ta’ Mejju, 2001.**

**Numru 9**

**Fl-atti tal-mandat numru 1343/93**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**vs**

**Joseph Serge**

**Il-Qorti;**

**ID-DIGRIET APPELLAT**

Fit-22 ta’ Jannar 1998, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tat is-segwenti digriet fuq talba tal-appellant sekwestrat ghall-hrug ta’ kontro-mandat biex jigi revokat mandat ezekuttiv ta’ sekwestru :-

> “Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors tas-sekwestrat Joseph Serge fejn talab lil din il-Qorti tilqa’ t-talba tieghu ghall-hrug ta’ kontro-mandat biex jigi revokat il-mandat ezekuttiv ta’ sekwestru li kien inhareg fuq talba tal-

Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-1 ta' Dicembru 1993, kif regolarment imgedded.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat in-Noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Rat ukoll l-art. 283A tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat :-

Illi r-rikorrent Joseph Serge qed jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni ghar-raguni illi, skond ma jallega l-istess sekwestrat, dan il-mandat kien null u invalidu ghax inhareg bhala rizultat ta' uzu abbuziv u 'ultra vires' il-poteri tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Huwa jikkontendi illi meta saru l-emendi ghal-ligi tat-taxxa fl-1994, il-provizzjonijiet transitorji ma salvawx l-effetti ta' madnati bhal dak in kwistjoni li kien gia' nhareg taht l-art. 72 tal-Kap. 123.

In oltre jippretendi wkoll illi dan il-mandat tilef ukoll l-effetti tieghu minhabba l-emendi li kienu saru fl-1995 ghal-ligijiet tal-procedura, meta, permezz tal-artikolu 466 u 467 tal-Kap. 12, il-Gvern ittehidlu l-poter li jottjeni titolu ezekuttiv fuq semplici dikjarazzjoni tieghu.

Il-Qorti hija tal-fehma pero' illi ma tistax taccetta l-argumenti tar-rikorrent, u dana ghaliex :-

(i) kif tajjeb qal l-Avukat Generali, l-Att dwar l-Interpretazzjoni jissalvagwardja dak kollu li jkun sar taht ligi precedenti li tkun giet emendata jew mibdula, sakemm ma jkunx gie espressament dikjarat il-kuntrarju. Dan ma jidhirx li sehh fil-kaz in ezami. Minkejja li l-provizzjonijiet transitorji msemmija ma jsemmu xejn f'dan ir-rigward, ma jfissirx b'daqshekk illi kull dritt kwezit li kien gia' ottjena l-Kummissarju tat-Taxxi Interni sa dakinhar, bhalma kien il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv in kwistjoni, tilef ghal kollox il-validita' u l-effetti tieghu.

(ii) hekk ukoll il-Qorti jidhrilha illi f'dan il-kaz, fejn si tratta minn materja ta' taxxa li l-Kummissarju kellu dritt jigbor bis-sahha ta' titolu ezekuttiv li akkwista bil-proceduri stipulati mil-ligi dakinhar li nhareg l-istess mandat, ma japplikax dak li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza : "Francis Busuttil & Sons vs Kontrollur

tad-Dwana, deciza fil-21 ta' Lulju 1994, u li insegwitu taghha saru l-emendi gia' msemmija ghall-artikolu 466 u 467 tal-Kap. 12.

Dik is-sentenza kienet annullat mandat ezekuttiv li kien inhareg fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana in forza tal-art. 467 tal-Kap. 12 kif kien qabel l-emendi tal-1995 u dana ghar-raguni illi dan l-artikolu kien jivvjola l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, billi ma kienx jaghti l-opportunita' lic-cittadin li jikkontesta talbiet tal-Gvern quddiem il-Qrati.

Pero', kif tajjeb irrileva l-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu, l-ligijiet dwar it-Taxxa fuq id-Dhul kienu minn dejjem jipprovdu diversi mezzi li bihom it-taxpayer seta' jikkontesta decizjoni arbitrarja tal-Kummissarju qabel ma dan jasal sal-punt li jkun jista' jinforza t-talba tieghu bis-sahha ta' mandat ezekuttiv. Ghalhekk kienu u ghadhomi suru l-'objections' ghal 'assessments' maghmula mill-Kummissarju, r-revizjoni mill-Board of Special Commissioners u anke l-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell fuq punti ta' ligi.

Ir-rikorrent mhux dejjem ghogbu juzufruwixxi ruhu mill-facilitajiet moghtija lilu mil-ligi sabiex jikkontesta t-talbiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Huwa minnu illi mix-xhieda ta' l-istess rikorrent jirrizulta illi dan garrab diversi disfatti fil-hajja personali tieghu u ghalhekk, wiehed jista' jifhem l-istat t'animu tieghu illi f'dawk ic-cirkostanzi ma tantx seta' kellu mohh isegwi sew il-proceduri rikjesti mil-ligi. Madankollu, l-Qorti lanqas ma tista' taghti tort lill-Kummissarju li pprova jaqdi dmiru skond il-ligi biex jigbor dak li deherlu li kien dovut mir-rikorrent bhala 'taxpayer'.

Ghaldaqstant, billi ma jirrizultax illi t-talba tar-rikorrent Joseph Serge ghall-hrug ta' kontro-mandat f'dawn l-atti hija gustifikata, tichad it-talba."

## L-APPELL TAL-INTIMAT

L-intimat sekwestrat Joseph Serge appella minn dak id-digriet u talab illi din il-Qorti joghgobha tirriforma d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fuq riprodott billi tilqa' t-talbiet tal-esponent u

tirrevoka u tannulla l-mandat numru 1343 tal-1993 bl-ispejjez kontra s-sekwestrant.

L-aggravju tal-appellant hu sintetizzat fis-segwenti paragrafi tar-rikors tal-appell tieghu.

"Illi d-digriet appellat hu ingust ghas-segwenti motivi :-

1. Illi l-artikolu 72 (1) imsemmi tal-Kap. 123 qabel ma gie' emendat kien jaqra dan li gej :-

"Dan li gej jikkostitwixxi titolu ezekuttiv skond u ghall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima 1 tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, jigifieri :-

(a) l-avviz imsemmi fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 42;

(b) l-avviz imsemmi fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 55;

(c) l-istima finali u konkluziva msemmija fl-artikolu 70;

(d) l-avviz imsemmi fls-subartikolu (5) ta' l-artikolu 74;

(e) l-avviz imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 77 u l-avviz ta' stima u t-talba bil-miktub maghmula mill-Kummissarju msemmija fis-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu 77 :

Izda hlief fil-kazijiet imsemmija fil-paragrafu (e), l-procedura stabbilita' fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 75 ta' dan l-Att ghandha tigi mharsa fil-kazijiet kollha qabel ma jigi infurzt il-hlas bis-sahha ta dak it-titolu."

Illi l-Kap. 123 sussegwentement gie emendat u dan l-artikolu spicca mill-imsemmi Kap. 123 u gie inkorporat f'ligi gdida u cioe' fl-att XVIII tal-1994, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa permezz tal-artikolu 40 (1) li hu provvediment li piu' o meno jirrifletti l-imsemmi artikolu 72 qabel ma gie emendat il-Kap. 123. **Madankollu la l-Kap. 123 u lanqas l-att XVIII ta' l-1984 ma fih l-ebda provvediment illi jsalva l-operat tal-artikolu 72 qabel ma gie emendat il-Kap. 123** ghax l-unici disposizzjonijiet

transitorji jinsabu biss fl-att XV111 ta' l-1984 illi fl-artikolu 59 jghid kif isegwi :-

"(1) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4A) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* **kif fis-sehh minnufih qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att u ta' l-Att ta' l-1994 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income (Emenda Nru. 2)**, li ghandhom jibqghu fis-sehh ghar-rigward ta' kull prospett ta' l-attiv kapitali msemmi f'dak is-subartikolu dwar snin ta' stima msemmija f'dak is-subartikolu sas-sena ta' stima 1994.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* ghar-rigward ta' prospetti ta' *income* u attiv kapitali ghas-snin ta' stima sas-sena ta' stima 1994, ghandhom jibqghu fis-sehh, kif kienu fis-sehh minnufih qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att."

Ghalhekk, jidher carissimu illi l-ligi l-gidida u cioe l-Att XV ta' l-1994 ghazlet illi ssalva l-operat tal-Kap. 123 qabel ma gie emendat **b'mod selettiv**. L-istess ligi ma salvatx l-effetti ta' mandati li jigu akkordati in virtu ta' titolu ezekuttiv li kien inhareg skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 72 qabel ma gie emendat ghax kieku dan l-artikolu 72 kien jigi inkluz f'dawn id-disposizzjonijiet transitorji. L-unika haga li d-disposizzjoni transitorja ghogobha ssalva, barra l-prospetti tad-dhul u ta' l-attiv kapitali, kienet id-dikjarazzjoni dwar id-dhul u ta' l-attiv kapitali tal-Membri tal-Parlament (art. 4(4A)) u m'hemm l-ebda referenza ghall-artikolu 72 kif kien qabel ma gie emendat.

2. Lanqas ma wiehed jista' jargumenta illi l-effetti ta' dan l-att ezekuttiv gew salvati permezz ta' artikolu 12 (2) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249. F'dan il-provvediment, il-kliem essenzjali huma "kemm-il darba ma jkunx jidher hsieb kuntrarju". Wiehed jissottometti bir-rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti illi effettivament il-hsieb kuntrarju tal-legislatur johrog car mill-fatt illi hu kien selettiv fir-rigward ta' liema provvedimenti tal-Kap. 123 gew salvati mill-Att XVIII tal-1994. Kieku l-legislatur ma riedx juri hsieb kuntrarju, kieku kien jistrieh fuq il-provvedimenti generici ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni u ma joqghod isemmi xejn liema provvedimenti mill-Kap. 123 se jigu ssalvagwardanti fl-Att XVIII tal-1994. Galadarba l-legislatur ghogbu jaghzel liema provvedimenti mill-Kap. 123 se jibqghu jghoddu fl-imsemmi Att XVIII tal-1994, ghalhekk, il-logika tghidlek illi dawn il-provvedimenti u ghad-debiti **biss** u cioe' dawk imsemmijin fl-artikolu 59 tal-Att XVIII tal-1994 ghad ghandhom validita' giuridika u l-provvedimenti l-ohrajn tal-Kap. 123 li gew abrogati llum tilfu tali validikta' giuridika.

3. Lanqas m'huwa korertt illi wiehed jitkellem fuq drittijiet kweziti. L-ewwelnett, wiehed irid jiddistingwi bejn il-kreditu tas-sekwestrant u l-metodu biex tali kreditu jigi saldat. Mhux kaz illi wiehed jinsinwa illi jekk it-tezi tas-sekwestrat tigi akkolta, allura jigi distrutt kreditu li diga' kkonkretizza ruhu kif ghamel is-sekwestrant fin-nota responsiva tieghu. L-argument korrett huwa illi ghalkemm il-kreditu ghadu hemm, l-att ezekuttiv li nhareg sabiex jingabar dan il-kreditu llum tilef il-vaidita' tieghu peress illi ma giex ssalvagwardjat mil-ligi l-gdida li ssucceddiet ghall-Kap. 123 kif diga' ntqal u ghalhekk, jokkorri illi tinbeda procedura gdida sabiex ikun jista' jingabar dan il-kreditu kif illum permess mill-Att XVIII tal-1994."

**RISPOSTA**

Fir-risposta tieghu il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ssottometta illi hu kien talab il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra l-intimat u dan kien gie akkordat abbazi tal-artikolu 72 tal-Att dwar it-Taxxa tal-Income Kapitolu 123, liema titolu ezukuttiv kien gie res ezegwibbli permezz ta' talba ghall-hlas u ittra ufficjali sussegwenti datata 13 ta' Awissu 1992. Il-qofol tar-risposta tieghu hi dik li tirrizulta mis-segwenti brani a fol 286 u 287 tal-process :-

"Illi d-digriet fuq imsemmi jimmenta konferma, u dan ghar-ragunijiet segwenti :-

Illi fir-rigward ta' l-ewwel aggravju, s-semplici fatt li l-Artikoli 39 ta' l-Att 18 ta' l-1994 jirreferi biss ghall-Artikoli 4.4 (A) ma jaghtix lok biex wiehed jikkonkludi li l-krediti kollha kanonizzati b'titolu ezekuttiv taht il-Kap. 123 kellhom jitilfu l-validita' taghhom.
Illi rigward it-tieni aggravju, l-Artikolu 12 (2) tal-Kap 249 ikopru kwalunkwe provvedimenti ta' Att tal-Ligi illi ma jkunx gew espressament salvati, u dan proprju biex tigi evitata sitwazzjoni fejn, bi svista, l-operat ta' xi Artikolu tal-ligi ma jigix b'mod estiz permezz ta' emendanti.

> Skond l-Artikolu 12 (2), kwalunkwe provvediment tal-ligi jigi salvat "kemm-il darba ma jkunx jidher hsieb kuntrarju" li jfisser li kif qalet tajjeb l-Onorabbli Qorti ta' Prima Istanza – kwalunkwe provvediment tal-ligi jibqa' fis-sehh "sakemm ma jkunx gie espressament dikjarat il-kuntrarju".
>
> Illi kwantu ghat-tielet u l-ahhar aggravju, ghandu jinghad illi minkejja dak li qed jipprova jargumenta l-appellant, il-kreditu ta' l-esponent jikkostitwixxi dritt kwezit, u jekk il-legizlatur kellu l-intenzjoni li ma jsalvax dan id-dritt u kull dritt simili li kellu l-esponent ghal kreditu, allura l-istess legislatur kien ikun qieghed jaccetta illi jistghu jintilfu ammonti kbar ta' flus minhabba li tkun skadiet il-preskrizzjoni – xi haga li zgur li ma kienitx fl-interess tal-legislatur li jaghmilha peress illi tmur kontra l-interess pubbliku.
>
> L-esponent jaqbel perfettament ma li jghid l-appellant dwar in-necessita li ssir distinzjoni bejn il-kreidtu tas-sekwestrant u l-metodu biex tali kreditu jigi saldat. Pero' l-appellant stess donnu naqas milli jifhem il-veru sinjifikat ta' din id-distinzjoni, u cioe' l-fatt li, galadarba gie akkwistat titolu ezekuttiv, l-ezistenza o meno tal-ligi li ghamlet possibbli l-akkwist ta' tali titolu ma tibqax rilevanti akar. Ir-raguni hija li minn dan il-mument 'il quddiem, l-azzjoni tal-kreditur tigi regolata minn korpo ta' ligi kompletament differenti, li huwa l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa biss il-Kap. 12 li jista' jaghti d-dritt ghall-azzjonijiet ezekuttivi f'kazijiet bhal dak in ezami."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Din il-Qorti ma tarax kif jista' l-appellant jahrab mir-rejalta' guridika illi l-mandat akkordat abbazi tal-artikolu 72 tal-Kap 123 kien wiehed ezekuttiv u kien gie res ezegwibli permezz ta' talba ghall-hlas u ittra ufficjali sussegwenti datata 13 ta' Awissu 1992. Dawk il-proceduri indubbjament ikkristallizzaw id-dritt tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi jitlob dak illi skond il-ligi allura vigenti kien dovut f'taxxa mit-taxpayer u dana b'mod assolut. Dana sal-punt illi hu (it-taxpayer) ma setax juzufruwixxi mill-beneficcju tal-artikolu 9 (a) tal-Kap 123 li kien jaghti d-

dritt li wiehed igawdi mill-possibbilita' li jaghmel dikjarazzjoni spontanja billi dak id-dritt ma kienx japplika fil-kaz fejn il-likwidazzjoni tkun wahda finali imma biss fejn din ma kienitx finali u konklussiva. Effettivament il-finalita' tal-likwidazzjoni, sigillata bil-process ta' ezekuttivita tramite l-hrug ta' mandat ta' sekwestru u t-talba ghall-hlas, kienet il-fonti tad-dritt kwezit li kellu l-Kummissarju illi jezigi l-hlas ta' dak li kien skond il-ligi vigenti allura dovut u dana irrispettivament minn kull tibdil jew emenda sussegwenti fl-Att dwar it-taxxa fuq l-income. Certament dawk it-tibdiliet jew emendi bl-ebda mod ma pprovdew ghat-telfien da parti tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tal-jedd li jitlob ghall-hlas ta' dak li kien skond il-ligi gja' dovut u ezegibbli f'xi zmien.

Kienet allura gusta r-riferenza tal-appellat ghas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Chevalier Anthony Cassar Torreggiani noe vs Nutar Dottor Vincenzo Gatt noe" tat-12 ta' Mejju 1950, liema sentenza kienet giet iccitata t-tejorija tal-Gabba u siltet ta' hames punti ewlenin li kien jimmerita li jigu citati. Dawn huma :-

"1. Li l-ligijiet fiskali huma suggetti bhal-ligi komuni ghall-principju ta' non retroattivita.

2. Li l-istess ligijiet fiskali japplikaw ruhhom u ghandhom setgha u effikacja ghall-attijiet u trasferimenti li jsiru waqt li huma attivi.

3. Li bhala konsegwenza ulterjuri tat-tieni principju fuq mensjonat ghall-attijiet u trasferimenti li jkunu saru taht il-ligi antika jew precedenti ghall-gdida, l-istess huma retti mil-ligi li tahtom ikunu gja' kompjuti.

4. Li l-atti mibdija taht il-ligi antika, li jestendu ruhhom taht il-gdida, ghandhom ikunu imperati minn dina l-ahhar ligi.

5. Li fejn ikun jezisti veru u propju dritt kwezit kompjut taht il-ligi antecedenti dan ghandu effikacja fih innifsu li jirrezisti ghall-applikazzjoni tal-ligi, anke fiskali, gdida f'kaz ta' mutament tal-ligi anterjuri. Illi pero' dawn il-principji ma kienux assoluti in quanto che jistghu jsibu eccezzjoni u limitazzjoni fil-kazijiet kollha fejn il-ligi espressament tiddisponi diversament ……"

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi fil-kaz taht ezami hu kien akkwista dritt kwezit. La kien hemm limitazzjoni b'xi mod ta' dan id-dritt minn naha tal-legislatur u wisq anqas abrogazzjoni ta' xi ligi anterjuri. Din il-Qorti ma ssib xejn fl-Att XXVIII tal-1994 li b'xi mod jimpedixxi lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jezercita d-dritt li kellu taht il-ligi l-antika li jezigi pagament tat-taxxa dovuta mit-taxpayer u li dwarha hu kien validament akkwista titolu ezekuttiv mill-Qorti kompetenti. Il-fatt li mbaghad li l-mandat ta' sekwestru kien gie ezegwit pero' thalla sospiz, bl-ebda mod ma jaffettwa l-jeddijiet tal-Kummissarju. Dana ghaliex il-jedd tieghu li jezigi

t-taxxa kien johrog minn ligi sostantiva u mhux minn ligi procedurali. Skond il-ligi sostantiva, allura vigenti, t-taxxa kienet tirrizulta dovuta u l-Kummissarju kien ha l-passi mehtiega biex jassigura l-likwidazzjoni taghha u s-sejha ghall-hlas. Il-process kellu ghal-esigibilita tat-taxxa kien gie allura konkjuz. Il-mandat ta' sekwestru kien wiehed mill-modi kif din setghet tigi rejalizzata. Process dan li ma kien bl-ebda mod affett mit-tibdil fil-ligi dwar it-taxxa li, in mankanza ta' disposizzjoni ad hoc li tipprovdi l-kontra, bl-ebda mod ma ppregudikat id-dritt kwezit li kellu l-Kummissarju.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi rigettat u d-digriet appellat konfermat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mg